MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Numru. 1271/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
**vs**
**Aaron Sladden**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Aaron Sladden ta' 38 sena bin Joseph u Spiridiona nee' Grech, imwieled Attard fl-4 ta' April 1972 u residenti 39, Sqaq it-Torri, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 222172(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Matul il-jum tat-12 ta' Frar 2010 gewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta,

1. Halef il-falz quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D u dan bi ksur ta' Artikolu 108(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ l-Ispettur Fabian Fleri, weggu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor u dan bi ksur ta’ Artikolu 252(1) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika espressament il-piena ta’ l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’ kull kaz li jkun u dan skond Artikolu 109(1)(2) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Jannar 2011 esebit a fol.7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-24 ta’ Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll li skuza ruhu ghall-akkadut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 108(1) (a) u 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------